



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15730/23

LIMITE

CORLX 1065  
CFSP/PESC 1570  
CONOP 127  
CONUN 293  
COARM 306

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/732 b'appoġġ għall-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi jew ta' tossina

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/732**

**b'appoġġ għall-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni  
tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi jew ta' tossina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

## Billi

- (1) Fit-2 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/732<sup>1</sup>, li pprevediet perjodu ta' 36 xahar, li jibda fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) ta' dik id-Deċiżjoni, għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tiegħu (il-“perjodu ta’ implimentazzjoni”).
- (2) Il-perjodu ta' implimentazzjoni kellu jintemm fl-14 ta' Diċembru 2023.
- (3) Fit-22 ta' Settembru 2023, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/732, talab estensjoni mingħajr spejjeż ta' 13-il xahar tal-perjodu ta' implimentazzjoni.
- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni sal-14 ta' Jannar 2025 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward ta' riżorsi finanzjarji.
- (5) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2020/732 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/732 tat-2 ta' Ġunju 2020 b'appoġġ għall-Mekkaniżmu tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-investigazzjoni tal-użu allegat ta' armi kimiċi u bijoloġiċi jew ta' tossina (ĠU L 172 I, 3.6.2020, p. 5).

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/732, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fl-14 ta' Jannar 2025."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*